# Pjazza Spinola

Tliet affarijiet jolqtu l-għajn ta'min jgħaddi mill-pjazza ewlenija tagħna; a) ix-Xatt tas-Sajjieda, b) it-Traffiku qawwi, bi nhar u bil-lejl, u c) l-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù. Daqs ħamsin sena ilu, ix-xena kienet ferm differenti minn dik ta'llum. Forsi l-aqwa attrazzjoni kienu l-aktar il-għad kbir ta' karozzini imkenna taħt is-siġar tal-palm bil-għajn tal-bhejjem li kienu joxorbu minnha ż-żwiemel, ir-Rocky Vale, dik il-wisa' kbira, fejn illum hemm it-Tigullio Restaurant, u likienet waħda mir-rikreazzjonijiet ewlenin taż-żgħażagħ jiskejżjaw, il-Każin tal-Banda San Ġiljan, li għadu hemm sallum, l-għadd dejjem kbir tad-dgħajjes u nġenji oħra tas-sajjieda, u l-hafna suldati Ingliżi, Skoċċiżi u Irlandiżi, li kienu jinżlu u jitilgħu mill-kwartieri tagħhom f'Pembroke, San Ġorġ u St. Patrick's.

Il-pjazza hija mdawra wkoll bil-Knisja tal-Kunċizzjoni, merfugħa mat-telgħa li twassal lejn Paceville, Dari bit-titoli ta' Ċikku l-Lucky, ta' Ċensu Baldacchino, ta' Coqċoq; il-ħanut tal-merċa ta' Pawlu Falzon, id-De Redin, u bix-xbieki tal-ħut li s-sajjieda kienu joqgħodu jraqqgħu fuq il-bankina, u jħalluhom jinxfu fuq il-ħadid ta' mad-dawra tal-baħar. Mill-bqija, din il-pjazza, l-aktar għall-ħin ta' filgħaxija, tista' tgħid li kienet tkun baħħ, ħlief meta l-bandisti kien ikollhom xi kunċert jidwi f'dik il-ħemda.

**BIDLA**

L-ewwel bidla li seħħet f'din il-pjazza, sa fejn niftakar jien, kienet meta r-Rocky Vale beda jitlef l-importanza tiegħu u sa wasal biex imut mewta naturali. Imbagħad, fl-1948, mhux mingħajr xi protesti tan-niess tal-karozzini, inqalgħu s-siġar tal-palm minn posthom biex tħawlu f'Baħar iċ-Ċagħaq fejn taw l-isem lil dik il-bajja ta' Palm Beach. Dan ġara biex post is-siġar tal-palm tieħdu l-istatwa maestuża ta' l-irħam tal-Qalb ta' Ġesù lil-Parroċċa tagħna, bl-għotja ġeneruża tal-Familja Bonello, biha riedet tfakkar għeluq il-25 sena ta' meta l-Parroċċa tagħna kienet ġiet ikkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù.

Wara dak iż-żmien, il-pjazza qabdet ritmu ta' tibdil li għadu ma waqafx, anzi qed iħabbar li din il-pjazza sejra tkun waħda mill-aqwa ta' pajjiżna, għax il-progress li ħakem fuq il-gżejjer tagħna ma jurix li ser jieqaf kif ġiebu laħaq.

*ikompli f'paġna 79*

## TRAFFIKU

Meta waqaf ir-Rocky Vale u telgħet l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù, tħawlu erba' sigar oħra tal-palm madwarha u aktar tard ġiet imdawra b'kanċell tal-ħadid. Il-karozzini baqgħu hemm għal ħafna żmien ieħor, bieb ma' bieb, nistgħu ngħidu, mat-terminus tal-karozzi tal-linja li issa kienu żdiedu fil-għadd tagħhom billi żdiedu n-nies li jmorru għax-xogħol f'naħat oħra ta' Maltau tal-għadd kbir ta' oħrajn li bdew jiġu minn irħula oħra għax sabu xogħol fil-ħafna lukandi u ristoranti li mlew u biddlu l-ħajja tas-subborg tagħna.

It-traffiku qawwi li diġà kien jgħaddi minn din il-pjazza, żdied fuq li żdied meta nfetħet it-triq ta' taħt il-knisja l-ġdida biex minn fuq ir-Regional Raod isir dħul għal din il-Pjazza. B'hekk ġaraw koll li l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù saret traffic island bil-karozzi jduru magħha minn kull naħa. Iżda hija traffic island mill-isbaħ, billi tinsab ikkurata ħafna u miżgħuda bil-fjuri s-sena kollha, hekk li tagħti dehra ħelwa mhux ftit lill-istatwa u lill-pjazza nnfisha.

## IL-KNISJA L-ĠDIDA

Fuq din it-triq li nfetħet mal-ġenb tax-xellug fejn kien ir-Rocky Vale, tidher tgħasses, donnha mkabbra bil-poplu Ġiljanżi u mhux inqas b'dawk kolha li jħarsu lejha, il-Knisja Monumentali tagħna mibnija bejn l-1956 ul-1965 bit-tħabrik tal-kappillan Mons. Guido Calleja. Illum mill-kampnar wieħed jara jixgħel ta' kull filgħaxija salib ġgantesk, li sar wieħed mill-'landmarks' tas-subborg tagħna. Jgħaqqad il-Knisja mat-triq li semmejna qabel, jinżel taraġ bi tliet indani u li jħaddan fih fi ftit kmamar. Imbagħad hemm il-pont, merfugħ fuq pilastri tal-konkrit u mħaddan b'kanċelli tal-ħadid u li dal-aħħar żdidulu fanali tassew artistiċi, maħsbu mill-Kunsill Lokali tagħna.

## L-GĦASSA

Mal-ġenb l-ieħor, il-pjazza tagħti bidu għal Wied Għomor b'dawk il-ftit djar b'turġien għolja, u bħal indendel fuq il-wied, Ristorant ieħor eleganti jismu Lines. U meta nibqgħu nduru mal-pjazza, insibu l-każin laburista u bieb ma' bieb miegħu l-Għassa tal-Pulizija u fl-istess bini il-klinika tal-Gvern. Imbagħad, fejn dari kien il-ħanut ta' Ċikku l-Lucky, sa ftit snin ilu kellna supermarket kbir li kien għalaq u floku nsibu ristorant La Nocciola li kompla sebbaħ il-pjazza.

## KAŻINI

NibqgĦu telgħin u għandna l-każin tal-Banda San Ġiljan li ilu hemm samill-1928 u li kien twaqqaf bit-tħabrik ta' dilettanti Ġiljaniżi, fosthom il-

*ikompli f'paġna 81*

mibki Dun Pawl Galea. Ħdejh għandna l-Lotto Office, dawk id-djar bil-parapetti għoljin u imponenti li jaslu sa maġenb il-knisja tal-Kunċizzjoni, mibnija fuq 300 sena ilu mill-Kavalier Spinola. Dal-aħħar id-dar ta' maġenb il-knisja msemmija inbidlet f'ristorant u fejn qabel kieNEt tinsab it-titotla ta' Ġakki, telgħet il-Kantina, l-ewwel ristorant li daħla f'din il-pjazza u qribu, dejjem taħt dawk il-parapetti, il-ħanut tal-ħwejjeġ "Tres Joli'. Imma hanwhekk dħalna fi Triq San Ġorġ u nieqfu.

**ARKATI**

Ix-xatt tas-sajjieda twessgħa u kiber sewwa u ħa ħajja ġdida billi nbnew kmamar għas-sajjieda, l-arkati ġew restawrati u ġo fihom sab ruħu ristorant il-ġmiel tiegħu, għal wieħed erba' anzi, is-San Giuliano, ir-Raffaele Dolce Vita u l-Paparazzi, kollha jagħtu fuq din il-ġmiel ta' bajja pittoreska, u li taw ħajja għalkollox ġdida lill-Pjazza Spinola.

Fuq il-ġenb tal-pjazza li jgħaqqad ma' Triq il-Kbira, l-ewwel ma nsibu, sewwa sew fin-niżla, imma fil-għoli, il-Bacchus II, ristorant, u taħtu l-ħanut taż-żebgħa "Spinola Paintstore". Kif tmiss tarf in-niżla, insibu ristorant ieħor, is-Saddles, u li qabel kien il-ħanut tat-tè ta' Ċensu Baldacchino u li mbagħad ħadu ibnu Toni, jinġabru fi tmiem il-ġimgħa qtajja ta' żgħażagħ minn kull naħa ta' Maltan, li jieqfu hawn flok jibqgħu deħlin Paceville.

**STATWA ANTIKA**

Imma sewwa sew quddiem is-Saddles tinsab l-istatwa antika tu storika ta' San Ġiljan, imqegħda hemm, fl-1836, u fejn jingħad li kien hemm nixxiegħa ta' ilma ħelu li fiha għadd kbir ta' ommijiet kienu jniżżlu lit-trabi tagħhom morda ħalli jfiqu. Imiss miegħu, jitla' taraġ għoli li jwassal sal-bidu ta' Triq Lapsi. Da l-aħħar it-taraġ bidel ix-xejra tiegħu, billi sid is-Saddles irnexxielu jikseb wisa' ta' kamra minn taħtu.

IL-Kunsill Lokali tagħna wkoll sab postu f'din il-pjazza, billi ftit xhur ilu tella' arblu għoli għall-bandiera u monument bil-bażi tagħhom tmiss ma' l-art, sewwa sew fejn hmm l-għajn taż-żwiemel.

Ma nistux nagħlqu din id-deskrizzjoni fqira tal-Pjazza ewlenija tagħna, mingħajr ma nsemmu lill-Villa Fieres, illum abbandunata, imma li żgur għandha storja warajha fit-tiswir tas-subborg tagħna, b'dak il-ġnien imtarraġ u li żgur kien attrazzjoni mhux żgħira fi żmienu. Min jaf għadx tiġi restawrata u fiha jsib postu l-KunsillLokal ili f'idejh qed ikollu l-andament tas-subborg tagħna?

Nagħlaq billi ngħidli dan tiegħi huwa studju fqir ħafna dwar din il-Pjazza li llum qed tissejjaħ ukoll, kif isibuha l-kotra tan-nies, il-Pjazza tal-Qalb ta'

*ikompli f'paġna 83*

Ġesù. Ħaddieħor nistiednu jagħmel studju aħjar. U ma jinsiex isemmi l-gemgħa kbira ta' popluli laqa' l-barka tal-Papa Ġwanni Pawlu II minn fuq iz-zuntier tal-Knisja, iċ-ċerimonja tat-teberik tal-Bhejjem, il-Quddiesa tas-Sajjieda, il-meetings li saru minn żmien għal żmien fil-kap politiku, il-mappa kbira għat-turisti, il-qofol tal-festa ta' San Ġiljan bil-vara u bil-marċijiet u l-ħruq tan-nar, it-Telefon Box, il-ħafna reklami kbar fuq il-ħwienet u tant u tant affarijiet oħra li bħalissa ma jiġux quddiem għajnejja jew ġo moħħi. U jekk ma kontx eżatt f'dak kollu li għedt, nitlob skuża, għax emmnuni li ma nkunx għamiltu apposta.

**Dun Anton Sciberras**





# PALMAR

## Auto Parts & Accessories

## San Ġwann

## Tel: 344137